MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 43/2013

**MelitaGamingGroup Limited (C39772)**

***kontra***

**TMG. Limited (C37086)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-18 ta` Jannar  2013 li jaqra hekk –

*Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-kumpannija intimata TMG. Limited (C37086) giet kostitwita fit-3 ta` Ottubru 2005 taht l-isem Xciting Games Limited, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok TMG.1, filwaqt li fit-3 ta` Settembru 2007, isem il-kumpannija gie mibdul ghal TMG. Limited kif jidher fl-anness dokument immarkat Dok TMG.2 ;*

*Illi l-ishmatarji tal-kumpannija intimata huma mnizzlin fid-dokument anness u mmarkat Dok TMG.3 ;*

*Illi l-istatut tal-kumpannija intimata qieghed jigi anness ma` dan ir-rikors u mmarkat Dok TMG.4 ;*

*Illi fid-9 ta` Jannar 2013, saret laqgha straordinarja tal-ishmatarji tal-kumpannija intimata fejn ittiehdet rezoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti, kopja ta` liema hija annessa u mmarkata Dok TMG.5, fejn filwaqt li gie nnutat li l-kumpannija rikorrenti MelitaGamingGroup Limited, li hija l-ishmatarja maggoritarja tal-kumpannija intimata b`partecipazzjoni ta` 99% tal-ishma kollha tas-socjeta` intimata, qieghda tigi likwidata sussegwenti ghal ordni ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-istess moghtija mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 2012, kopja ta` liema qieghda tigi annessa ma` dan ir-rikors u mmarkata Dok TMG.6, kif ukoll gie nnutat li ma saret l-ebda offerta ghax-xiri tal-kumpannija intimata, ma jezisti l-ebda skop li l-kumpannija intimata tibqa` topera u gie deciz unanimament li l-kumpannija ghandha tigi stralcjata u xolta minn din l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha –*

*1. Tordna li l-kumpannija rikorrenti TMG. Limited (C37086) tigi xolta u konsegwentement stralcjata a bazi tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tahtar stralcjarju ghas-socjeta` intimata TMG. Limited ;*

*3. Taghti, ai termini tal-Artikolu 219 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proceduri.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Marzu 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat ir-rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` April 2013.

Rat id-digriet moghti f`din l-udjenza tal-ahhar fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha moghti fit-13 ta` Mejju 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Mejju 2013 fejn *inter alia* kienet regolarizzata s-sitwazzjoni li wasslet sabiex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. Dritt**

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-stralc konsegwenzjali taghha skond l-**Art.214(1) (a) tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta.

Id-disposizzjoni li fuqha qeghda tistrieh il-kumpannija rikorrenti taqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin …*
*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija*
*ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Il-kumpannija rikorrenti qeghda tghid li ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art.218(1)(a) tal-Kap.386** li jaqra hekk **–**

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*
*…*

*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji …*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikors huwa regolari ghax kienipprezentat mir-rikorrenti li ghandha 99% tal-ishma tal-kumpannija intimata.

Kif jirrizulta mir-referta a tergo ta` fol 37 tal-process, ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**<u>Art.218(8)</u>** tal-Kap.386.

L-**<u>Art.214</u>** tal-Kap.386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.

Issa hemm kazi specifikati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***<u>jistghu</u>*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghda tistrieh fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art.214. Ir-rikorrenti mhix taghmel talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

Jirrizulta illi fit-3 ta` Ottubru 2005 kienet registrata kumpannija bl-isem Xciting Games Limited Nru C37086. Fit-3 ta` Settembru 2007 kienet registrata bidla fl-istess tal-kumpannija ghal TMG. Ltd. In-numru ta` registrazzjoni baqa` l-istess. L-azzjonisti ta` TMG. Ltd. huma Alliance Trust Company Limited (C22228) in kwantu ghal sehem wiehed, u r-rikorrenti in kwantu ghall-bqija tad-99,999 sehem.

Jirrizulta illi fil-21 ta` Frar 2012, inzammet laqgha generali straordinarja tal-kumpannija intimata li tghid hekk –

*It was resolved that in view of the fact that the First Hall Civil Court ordered the dissolution and winding up of MelitaGamingGroup Limited ... which is the majority shareholder of TMG. Limited, holding 99% + of shares and there having been no offers by anyone to purchase this company, there is no other alternative but to also put TMG. Limited into liquidation.*

Jirrizulta li r-rizoluzzjoni straordinarja ttiehdet kif previst mill-Art 18 tal-Articles of Association tal-kumpannija.

Kien esebit il-provvediment ta` din il-Qorti tal-21 ta` Frar 2012 fil-procediment fl-ismijiet *MelitaGamingGroup Limited (C39772) kontra X* (Nru.863/2011 JZM).

Ir-ragunijiet li wasslu lill-Qorti biex tordna x-xoljiment u l-istralc ta` r-rikorrenti huma tajbin u sufficjenti bizzejjed biex din il-Qorti taghmel l-istess fir-rigward tal-kumpannija intimata, wara li accertat ruhha li t-talba tar-rikorrenti kienet intavolata skond il-ligi.

**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija rikorrenti kif gej –**

**1) Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija TMG. Limited (C37086) b'effett mill-21 ta` Frar 2012 kif ighid it-tieni proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386.**

**2) Tahtar lill-Avukat Dottor Peter Fenech bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kif huma definiti fil-Kap.386.**

**3) L-ispejjez jithallsu mill-kumpannija rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------